MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 784/2004

**Mizzi Limited (C1041)**

**vs**

**V & M Enterprises Limited (C6942)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u disghin lira Maltija (Lm195.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha kif jirrizulta mid-dokument markat A anness mal-avviz;**

**Bl-imghaxijiet mit-23 ta' Lulju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fl-1 ta' Ottubru, 2004, li biha rriduciet s-sorte ghas-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60.00) u zammet ferm il-kap tal-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-1 ta' Ottubru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu meqjusa bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60.00) bl-imghax legali mit-23 ta' Lulju, 2003 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------